MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1149/2005

**Maltapost plc. (C 22796).**

**vs.**

**Matthew Camilleri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Dicembru 2005 a fol. 1 tal-processipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut kien talab lill-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz tieghu ta’ allegata tkeccija ngusta lit-Tribunal Industrijali.

Illi permezz ta' decizjoni numru 1631, moghtija fit-23 ta' Settembru 2005 fil-kwistjoni tax-xoghol numru 1701, fl-ismijiet **"Matthew Camilleri u Maltapost plc"** dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta, it-Tribunal Industrijali iddecieda illi "filwaqt li jiddikjara t-terminazzjoni ta' l-impjieg ma saritx ghal raguni valida billi l-passi dixxiplinari mehuda kontra tieghu ma kienux regolari skond il-ftehim kollettiv jordna li l-appellant jerga' jitpogga fl-impjieg tieghu li kellu fil-31 ta' Lulju 2001 u jithallas dak kollu lilu dovut bhala salarju u kull zieda talvolta lilu dovuta b'effett mill-istess gurnata."

Illi l-proceduri stipulati fil-ftehim kollettiv u li ghalihom ghamel referenza t-Tribunal Industrijali fid-decizjoni tieghu, ma kienux japplikaw fil-kaz tal-konvenut u ghalhekk il-passi dixxiplinari mehuda kontra tieghu kienu regolati skond il-ftehim kollettiv, kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza.

Illi l-ftehim kollettiv jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet.

Illi fil-konsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal Industrijali qal illi l-kaz tal-konvenut "qed jigi trattat *ai termini* ta' l-**artikolu 75 u 81 tal-Kap 452",** jigifieri l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Illi permezz ta' l-Avviz legali numru 425 ta' l-2002, il-kazijiet li kienu pendenti minnufih qabel is-27 ta' Dicembru 2002 quddiem it-Tribunal Industrijali, kellhom jibqghu rregolati bl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali **(Kap 266).**

Illi skond **artikolu 32 (4)** ta' l-att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali **(Kap 266),** it-Tribunal m'ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq premessi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hawn fuq imsemmija hija kontra l-ligi.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet fuq premessi id-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali numru 1631, moghtija fit-23 ta’ Settembru 2005 fil-kwistjoni tax-xoghol numru 1701, fl-ismijiet **“Matthew Camilleri u Maltapost plc”** dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta, hija kontra l-ligi u ghalhekk hija nulla u bla effett fil-ligi.

2. Taghti kull provvediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi, inkluz jekk ikun il-kaz, li tirrimetti din il-kwistjoni tax-xoghol mill-gdid quddiem it-Tribunal Industrijali.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar is-6 ta’ Dicembru 2005 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-7 ta’ Frar 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Matthew Camilleri datata 24 ta’ April 2006 a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali numru 1631 moghtija fit-23 ta’ Settembru 2005 fl-ismijiet **“Matthew Camilleri vs Maltapost plc”** hija wahda finali, inappellabbli u *res judicata* u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma tistax isservi bhala forma ta’ appell jew revizjoni tal-mertu deciz mill-istess sentenza galadarba l-ligi ma tipprovdix espressament ghal dan;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li d-decizjoni *de quo* la hi *ultra vires*, la tmur kontra r-regoli ta’ gustizzja naturali u lanqas hi kontra l-ligi li tahtha twaqqaf it-Tribunal specjali;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li d-decizjoni *de quo* hija konformi ma' kull ligi u ma tmur kontra ebda ftehim bejn il-partijiet.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici pprezentata fir-Registru fil-31 ta' Awissu 2006 a fol. 22 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Matthew Camilleri pprezentata fir-Registru fit-2 ta' Ottubru 2006 a fol. 30 tal-process

Rat il-verbali kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tas-seduti li saru mis-7 ta' Frar 2006 sal-31 ta' Ottubru 2006 fejn fl-ahhar seduta gie verbalizzat li meta issejhet il-kawza dehret Dr.Vanessa Millo ghas-socjeta` attrici u Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-konvenut. Id-difensuri rriferew ruhhom ghan-nota ta' osservazzjonijiet taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Jannar 2007.

Rat ir-rikors pprezentat mill-Maltapost plc u d-digriet relattiv.

Rat l-atti kollha relattivi tal-kaz numru 1701 fil-kwistjoni tax-xoghol fl-ismijiet "Matthew Camilleri vs Maltapost plc" quddiem it-Tribunal Industrijali presjedut mill-abbli avukat Dr. Joseph P. Bonnici bhala Chairman, u l-atti kollha relattivi nkluz id-decizjoni ta' l-istess Tribunal Industrijali datata 23 ta' Settembru 2005 li hija l-mertu ta' dawn il-proceduri mibdija mis-socjeta' attrici.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din il-kawza titratta dwar l-ilment mressaq mis-socjeta` attrici kontra decizzjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kaz numru 1701 – Decizjoni Numru 1631 fl-ismijiet **“Matthew Camilleri vs Maltapost plc”**, fejn b’decizzjoni taghha tat-23 ta’ Settembru 2005 iddecidiet li t-terminazzjoni ta’ impjieg ma saritx ghal raguni valida billi l-passi dixxiplinari mehuda kontra tieghu ma kienux skond il-ftehim kollettiv u jordna li l-appellanti jerga’ jitpogga fl-impjieg tieghu li kellu fil-31 ta’ Lulju 2001 u jithallas dak kollu dovut bhala salarju u kull zieda talvolta lilu dovuta b’effett mill-istess gurnata, decizjoni li s-socjeta’ attrici qed tallega li tmur kontra l-ligi u dan peress li gie allegat li l-kaz gie trattat skond id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 75 u 81 tal-Kap 452**, meta fil-fatt kien applikabbli l-**artikolu 32 (4) tal-Kap 266,** u dan peress li l-**Avviz Legali 425 ta’ l-2002** kien ipprovda li l-kazijiet pendenti qabel is-27 ta’ Dicembru 2002 quddiem l-istess Tribunal Industrijali kellhom jibqghu regolati appuntu bil-**Kap 266.** Fuq din il-premess inghad li mhux minnu li fil-kaz in ezami ma gewx segwieti l-proceduri stabbiliti fil-ftehim kollettiv, tant li l-proceduri li l-istess Tribunal Industrijali rrefera ghalihom ma’ kienux japplikaw ghall-istess konvenut.

Illi min-naha tieghu l-istess konvenut sostna li d-decizjoni moghtija hija *res judicata* u ma hemm l-ebda appell quddiem din il-Qorti, u li l-azzjoni attrici hija irrita u nulla peress li la nghatat *ultra vires*, la tmur kontra r-regola ta’ gustizzja naturali u lanqas inghatat kontra l-ligi li twaqqaf l-istess Tribunal, u fl-ahharnett li l-istess decizjoni hija konformi mal-ligi u ma tmur kontra ebda ftehim bejn il-partijiet.

Illi skond l-**Artikolu 28 (1) tal-Kap 266**, it-Tribunal Industrijali ghandu “*gurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeciedi kazijiet dwar tkeccija ingusta ghal <u>kull</u> ghan …..*

*u rimedju ta' haddiem hekk imkecci b'mod ingust ikun biss illi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali"*.

Illi ghalhekk fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg, din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali, u dan aktar w aktar fid-dawl ta' **artikolu 31** tal-istess **Kap 266**, fejn l-istess Tribunal ghandu fil-procedura tieghu jizgura li ssir "*gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali*". Dan huwa sostanzjalment riprodott fl-**artikolu 78 (3) tal-Kap 452.**

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess is-sentenza "**John Holland et noe vs Julian Schembri**" (A.C. 20 ta' Mejju 1991) stabbiliet il-gurisdizzjoni tal-Qorti f'dawn il-kliem:-

"*Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta t-Tribunal Indsutrijali tmur 'ultra vires' u/jew meta ma tkunx assikurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.*"

Illi tal-istess portata hija s-sentenza "**Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar**" (A.C. 29 ta' Mejju 1991) fejn inghad li dawn il-Qrati jistghu jissindikaw il-lodo tat-Tribunal Industrijali biss sabiex jaraw li l-istess Tribunal ma eccediex il-gurisdizzjoni tieghu, u sabiex jaraw li l-principju ta' gustizzja naturali gew segwiti fil-procedura taghhom u l-osservanza fl-istess lodo tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 31 (3) u artikolu 32 (4) tal-Kap 266.**

Illi fis-sentenza "**Thomas Montalto vs il-Maggur Stanley J A Clews et**" (P.A.F. 26 ta' Mejju 1987- Vol LXXI.II.668) jinghad illi:

"*Mis-suespost titnissel neccessarjament il-konkluzjoni illi l-gursidzzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F'dawn iz-zewg vesti, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi*

*skond il-ligi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika, meta tkun hekk giet mitluba u adita li t-Tribunal jagixxi fil-limiti tal-Ligi illi in forza taghha huwa kkostitwit. Evidentement, u indubjament imbghad, il-Qorti ghandha s-setgha li tara li t-Tribunal bl-ebda mod ma kiser xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem".* (vide "**Salvina Borg D'Anastasi vs Jane Decesare et noe**" (P.A.F. 3 ta' April 1989 - Vol LXIII - III 753). '**Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar**' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI - III).

Illi dawn il-principji gew konsistentment segwieti minn dawn il-Qrati anke fid-decizjonijiet **"Salon Services Limited vs Elaine Dimech"** (P.A. (TM) 13 ta' Novembru 2003); **"Eden Leisure Group Ltd vs Salvino Borg D"Anastasi"** (A.C. – 27 ta' Gunju 2003); **"Raymond Fenech nomine vs Victor Fiorentino"** (P.A. (GCD) – 26 ta' Novembru 2002); **"Cyberton Limited vs Joseph Felice"** (P.A. (NC) l-1 ta' April 2003); **"S M Cables Limited vs Carmelo Monaco"** (P.A. (JRM) 14 ta' Frar 2002); **'Power Projects Limited vs Stephen Agius et"** (P.A. (PS) – 16 ta' Gunju 2003) fost ohrajn.

Illi jekk wiehed japplika l-principji fuq indikati ghall-kaz in ezami jidher li s-socjeta' attrici qed tghid li d-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali ma hijiex skond il-ligi u dan peress li skond hija meta l-istess Tribunal qal li t-terminazzjoni ta' impjieg tal-konvenut mis-socjeta' attrici kienet irregolari peress li ma gewx segwieti r-regoli tal-ftehim kollettiv, hawn *"it-Tribunal kien qieghed jinterpreta l-Ftehim Kollettiv b'mod erroneu, liema interpretazzjoni allura waslitu ghad-decizjoni zbaljata";* dan ghaliex l-istess socjeta' attrici tghid li l-konvenut ma kellux dritt ta' appell taht l-artikolu 6.1 tal-Kodici tad-Dixxiplina u dan peress li tali dritt ta' appell jezisti biss fil-kaz mahsub fil-klawsola 5.3 ta' l-istess kodici li jirreferi biss ghall-kaz meta haddiem tal-kumpanija jinstab hati mill-Qorti ta' offiza kriminali, u dan ma kienx il-kaz odjern ghaliex ma kien hemm ebda decizjoni ta' Qorti.

Illi din il-Qorti thoss li ma tistax taqbel ma dak sottomess mis-socjeta' attrici u dan peress li dak li qalet l-istess

decizjoni tat-Tribunal Industrijali kienet ibbazata skond il-poteri taghha moghtija lilha skond il-ligi li kkostitwieta u wkoll skond il-ftehim industrijali indikat bhala *Memorandum of Understanding* datat 28 ta' April 1998, l-interpretazzjoni ta' liema tispetta lill-istess Tribunal.

Illi fi kwalunkwe kaz jinghad li mill-atti processwali quddiem l-istess Tribunal jirrizulta li l-istess Tribunal wasal ghal tali konkluzzjoni peress li jirrizulta li f'dan il-kaz il-konvenut kien tressaq b'diversi akkuzi quddiem il-Bord tad-Dixxiplina kompost minn Chairman u zewg membri skond l-artikolu 3 tal-Appendici tal-Kodici ta' Dixxiplina u l-istess Bord wasal ghal decizjoni b'mod kollegjali moghtija fil-15 ta' Novembru 2001 li kienet twassal ghal sospensjoni tal-konvenut mill-impjieg, izda gara li *"ftit jiem wara fis-27 ta' Novembru 2001, ic-Chairman u l-membru qalbu d-decizjoni ghal wahda ta' tkeccija. Il-membru l-iehor irrifjuta. Meta xehed, Joseph Zammit kien ferm skjett li l-ewwel decizjoni kienet milhuqa flimkien; Dr. Joseph Farrugia xehed li ma kien ghadhu ma giex deciz definittivament fil-waqt li c-Chairman John Gray ma seta jiftakar xejn ghax kien ikollu hafna kazijiet ta' dixxiplina……Fl-4 ta' Jannar 2002 l-appellant gie nfurmat mic-Chairman tal-Maltapost plc – Frank Dimech – (Dok. H) – li kien qed jitkecca mix-xoghol".*

Illi minn dan kollu jinghad li jidher car li l-istess Tribunal wasal ghall-konkluzjoni tieghu peress li deher car li l-procedura adottata sabiex inghataw l-istess zewg sentenzi f'kaz wiehed, wahda unanima u l-ohra biss minn zewg komponenti tal-Bord tad-Dixxiplina ma kienx konformi mal-ftehim kollettiv, u dan jirrizulta bla ebda dubju li huwa korrett ghaliex imkien ma hemm fl-istess ftehim kollettiv li decizjoni moghtija taht il-firma tal-membri kollha tal-Bord tad-Dixxiplina u iffirmata mit-tlett komponenti ta' l-istess Bord tad-Dixxiplina u datata 15 ta' Novembru 2001 (Dok. "F"), setghet fi ftit jiem tinbidel b'decizjoni ohra ta' l-istess Bord tad-Dixxiplina pero' iffirmata biss minn zewg membri u cjoe' is-Sur John de Gray u Dr. Joe Farrugia u din datata 27 ta' Novembru 2001 (fol. 25 tal-process allegat ma' din il-kawza) – anzi jidher li l-membru l-iehor mhux biss ma iffirmax it-tieni

decizjoni izda b'ittra datata 29 ta' Novembru 2001 iddikjara li ma jaqbilx mad-decizjoni ta' tkeccija, izda hass li kellu jghid li d-decizjoni ta' sospensjoni hija aktar gustifikata.

Illi jidher car li f'dan il-kuntest l-istess decizjoni tat-tkeccija li pprovakat il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali, u cjoe' d-decizjoni tat-tnejn mill-membri tal-Bord tad-Dixxiplina, datata 29 ta' Novembru 2001 ma kienitx ittiehdet skond il-proceduri tal-Ftehim Kollettiv u tal-Kodici ta' Dixxiplina citat, u dan jidher car li huwa l-bazi tad-decizjoni ta' l-istess Tribunal Industrijali. Fil-fatt l-istess decizjoni talaq bis-segwenti konkluzjoni u cjoe':-

*"Ghall-ragunijiet ovvji, iz-zewg sentenzi tal-Bord ta' Dixxiplina datati 15 ta' Novembru 2001 u 27 ta' Novembru 2001 ma jistghux jaghmlu stat fil-konfront tieghu".*

Illi mbaghad jirrizulta li l-istess konvenut appella minn tali decizjoni u minhabba l-mod mhux skond il-procedura stabbilita li bih inghatat id-decizjoni ta' tkeccizja mill-Bord tad-Dixxiplina minn zewg membri biss, kif gie deciz li mill-istess Tribunal Industrijali, l-istess Tribunal sostna li *se mai* l-opposizzjoni ghad-dritt ta' appell ma kelliex tigi deciza arbitrarjament mic-*Chairman* jew *Chief Executive Officer* Frank Dimech, kif fil-fatt sar, izda mill-istess Bord ta' Appell, haga li lanqas jista' jinghad li tmur kontra l-Ftehim Kollettiv; izda dan kien dejjem konsegwenti ghad-dikjarazzjoni li d-decizjoni tat-tkeccija tal-konvenut, kif effettivament mehuda mill-Bord tad-Dixxiplina kienet *per se* nulla ghaliex ma saritx skond dak propost mill-ftehim kollettiv; haga li *in verita'* s-socjeta' attrici bl-ebda mod ma spejgat fis-sottomissjonijiet taghha quddiem din il-Qorti. Dan fil-fatt huwa l-perm kollu tal-kwistjoni li kellu quddiemu l-istess Tribunal Industrijali u cjoe' f'dan il-kaz il-Bord tad-Dixxiplina hareg, ghal xi raguni li t-Tribunal Industrijali sab li hija inspjegabbli, li kien hemm zewg decizjonijiet, wahda unanima mill-membri kollha tal-Bord tad-Dixxiplina, li kienet tipprovdi ghas-sospensjoni tal-konvenut mix-xoghol, u l-ohra ftit granet wara minn zewg membri biss ta' l-istess Bord, fejn inhadet decizjoni ohra din-id darba ta' tkeccija; anzi din l-ahhar decizjoni, li ma

jirrizultax li ttiehdet abbazi tal-ftehim kollettiv, iktar u iktar meta gja kien hemm decizjoni dwar l-istess, anke bid-disens tal-membru l-iehor ta' l-istess,  certament li kienet kontra dak dettat mill-Ftehim Kollettiv u l-Kodici tad-Dixxiplina, u f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi, peress li tali decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali tirrizulta li kienet skond il-ligi u skond il-Ftehim Kollettiv, li fuq kollox l-istess Tribunal ghandu kompetenza esklussiva li jinterpreta f'kaz tat-tkeccija ta' impjegat allegatament ingusta u dan kemm skond il-provvedimenti tal-**artikolu 28 tal-Kap 266** u wkoll illum skond l-**artikolu 75 tal-Kap 452** li jipprovdi li:-

*"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan (ghajr minn proceduri dwar reat) u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jkun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lil dak it-tribunal u mhux xort'ohra".*

Illi dwar il-komptenza esklussiva ta' l-istess Tribunal Industrijali dwar l-allegazzjoni ta' tkeccija ingusta' din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Constantino Consiglio vs Air Supplies & Catering Limited"** (P.A. (JA) 14 ta' Mejju 2004), **"Cyberton Limited vs Joseph Felice"** (P.A. (NC) 1 t'April 2003), u **"@Universita' ta' Malta vs Carmen sive Bella Hili"** (P.A. (PS) 3 ta' Ottubru 2003), u fejn jidher car anke jekk wiehed jirreferi ghall-istess decizjoni li l-esklussivita' ta' gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali f'kazijiet ta' allegata tkeccija ngusta ta' impjegat skond l-Att kostitwittiv ma hijiex limitatata biss ghall-mertu tat-tkeccija, izda wkoll sabiex jigi determinat jekk tali tkeccija kienitx proceduralment skoretta u allura ingusta, u dan bhal fil-kaz odjern meta gie allegat li l-istess socjeta' attrici ma segwietx il-process li tipprovdi ghalih il-ligi jew il-ftehim kollettiv, u jidher car f'dan il-kaz dak huwa li l-istess Tribunal Industrijali ghamel, u dan kien fil-kompetenza esklussiva tieghu li jaghmel dan; dan apparti li jidher car li fl-istess lodo l-istess Tribunal mexxa skond il-ligi.

Illi ghalhekk kif inghad fis-sentenza **"Joseph Micallef vs Stivala Distributers Limited"** (P.A. (RCP) 14 ta' Frar 2001) fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg, din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali, u dan aktar w aktar fid-dawl ta' **artikolu 31** tal-istess **Kap 266**, fejn l-istess Tribunal ghandu fil-procedura tieghu jizgura li ssir "*gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali*". Dan gie affermat fil-kazijiet fl-ismijiet **"Sea Services Limited vs Paul Aquilina et"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2001) u **"Mario Magri vs HSBC Bank Malta p.l.c."** (P.A. (RCP) 14 ta' Marzu 2002) fejn gie enfassizzat li l-istess Tribunal ghandu gurisdizzjoni esklussiva dwar id-determinazzjoni ta' tkeccija ngusta u dwar id-determinazzjoni ta' l-istess, kemm ghal dak li huwa fatt u kemm il-ligi u dan anke ghaliex l-ezami ta' tkeccija allegatament ingusta trid tigi ezaminata fit-termini tal-ligi u f'dan il-kaz jidher li ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz ukoll dan l-ezami sar mill-istess Tribunal fit-terminu tal-ligi, u b'hekk l-istess Tribunal agixxa *intra vires*, u dan anke meta l-istess kellu kompetenza esklussiva li jezamina jekk il-procedura skond il-ftehim kollettiv gietx sewgieta, u certament f'dan il-kaz dan huwa dak kollu li l-istess Tribunal ghamel **("Avukat Dottor Carmel Chircop vs Awtorita' Marittima ta' Malta"** (A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dan huwa konformi ma dak li inghad minn din il-Qorti fid-Digriet tad-9 ta' Dicembru 1999, fl-ismijiet "**Simon Debono vs Mid Med Bank p.l.c**" (AJM) *benche`* "*prima facie*", fejn gie rikonoxxut id-dritt ta' mpjegat li jinsisti li l-procedura ta' tkeccija minn impjieg ta' persuna skond il-Ftehim Kollettiv, li jifforma bejn il-kontendenti, ghandha tigi segwita, u l-Qorti impediet lill-principal milli jittermina l-istess impjieg jekk il-procedura hekk stabbilita ma tigix stipulata. *Multo magis* meta hemm kaz ta' tkeccija ngusta, li taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali, jekk il-haddiem jitkecca minghajr ma tigi segwita, dejjem kif sostnut mill-istess lodo, il-procedura stabbilita fi ftehim kollettiv. Illi jista' jinghad li dan ma huwiex semplici kaz ta' procedura izda ta' dritt sostantiv, ghaliex ma jistax jinghad li hemm tkeccija gusta, jekk il-procedura pre-stabbilita

bejn il-partijiet ghall-tali eventwalita skond il-ftehim kollettiv ma tigix segwita. Certament li jekk jinghad mod iehor, il-haddiem jitlef id-drittijiet minnu akkwistati permezz tal-istess ftehim u dan dejjem huwa fil-kompetenza ta' l-istess Tribunal Industrijali. Illi stabbilit il-premess, u stabbilit li dan hu kaz dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta, il-kompetenza ta' din il-Qorti tieqaf hawn, ghaliex skond l-**artikolu 28 (1)** tal-**Kap 266,** l-istess Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni esklussiva dwar id-determinazzjoni tal-istess, kemm dwar fatt u kemm dwar ligi, liema gurisdizzjoni esklussiva tinkludi wkoll id-determinazzjoni stess ta' x'jikkonsisti 'tkeccija ingusta' fit-termini tal-Ligi.

Illi fl-ahharnett l-istess socjeta' attrici sostniet li bhal speci erronjament l-istess Tribunal iddecieda l-kaz skond l-**artikolu 75 u 81 tal-Kap 452,** meta permezz ta' l-Avviz Legali Numru 425 ta' l-2002 dan kellu jigi deciz skond l-**artikolu 32 (4) tal-Kap 266.** Izda dan l-argument huwa wkoll bla ebda bazi ghaliex *in verita'* huwa riproduzzjoni identika ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 80 (4) tal-Kap 452** b'dan li t-tnejn jghidu li:-

*"It-Tribunal m'ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u l-kondizzjonijiet l-ohra ta' impjieg".*

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li minn dan kollu jirrizulta li l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u dritt ghaliex id-decizjoni jew lodo moghti mit-Tribunal Industrijali, decizjoni numru 1631 tat-23 ta' Settembru 2005 fil-kwistjoni tax-xoghol numru 1701 fl-ismijiet "Matthew Camilleri vs Maltapost plc" dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta saret skond il-ligi u inghatat fil-kompetenza ta' l-istess Tribunal Industrijali abbazi ta' dak hawn deciz. B'hekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghall-dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------